## AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Jannar 2005 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Frar 2005 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Marzu 2005 fl-4.00p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' April 2005 fil-5.30p.m.
   Ikun hemm trasport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6 A/2, Main Street, Siġġiewi.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud kif ukoll domni u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:
   http://www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press - Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 61 JANNAR 2005 JITQASSAM BLA ĦLAS



**Xewqat mill-isbaħ għal sena tajba mimlija mħabba u paċi lill-Kumitat u l-membri tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni, lill-qarrejja ta' dan il-fuljett, lill-Maltin u 'l-Għawdxin u l-proxxmu kollu.**

## IL-MISSJONI INTERNAZZJONALI TA' ĠUŻA MIFSUD
(L-aħħar parti)

"Fid-dinja hawn ħafna dlam, biża', erruri mir-rappreżentanti tal-ġnus. Dawn billi jgħidu li jridu l-paċi u l-għaqda, dan mhux veru li jridu l-paċi u l-għaqda għax hadd minnhom ma jitlob lil Alla biex jagħtihom il-paċi kif suppost għandhom jagħmlu... L-aqwa paċi hija dik li jirreferu għaliha flimkien miegħi il-Papa u l-Isqof, il-paċi tal-Mulej... Nitolbuh lil Alla għaliex qegħdin

f'sitwazzjoni kerha ħafna li d-dinja nieżla biċċa biċċa. Jgħajtu bil-paċi u l-ftehim, u mkien ma ssir paċi kif irid Alla. Nitolbu lill-kbir Alla u l-Idejn setgħana Tiegħu għax il-paċi Hu jrid jagħmilha, il-Mulej Alla, u mhux dan it-tharbit ta' nies li ma jemmnux f'Alla u jgħidu li lil Alla ma baqalniex bżonnu... It-tarbija divina għalhekk ġiet biex tati l-vera paċi kif għandha tkun lid-dinja kollha u mhux paċi kif jifhimha dak u jifhimha l-ieħor..."

Dawn huma biss ftit siltiet mill-appelli li l-maħbuba Ġuża kienet tagħmel għall-paċi. Ħafna minnhom għamlithom b'leħen imqanqal imma sod waqt il-laqgħat fil-mafkar tal-Girgenti. Imma l-ħeġġa tagħha ma kinitx tieqaf hemm. Il-messaġġ tal-vera paċi li jaf jagħti biss il-Mulej kienet tkun trid twasslu f'ras il-għajn. Fis-6 ta' Frar 1991, Ġuża bagħtet l-aħħar ittra lill-Presidenti Bush u Hussein u qaltilhom:

"F'rivelazzjoni li jiena kelli mal-Madonna nhar is-Sibt 26 ta' Jannar, hija qaltli, 'Itlob ħafna għall-presidenti ta' dawn il-pajjiżi sabiex jagħmlu l-intenzjoni biex din il-gwerra ma tkomplix sejra għax imbagħad jekk jużа jdejh il-Mulej, ikollna diżastri akbar... Bħalissa d-dinja għaddejja minn kalvarju l-aktar kbir u mill-qalb tiegħi ukoll għaddej kalvarju bħal meta ibni Ġesù kien tiela' dik it-telgħa tal-Kalvarju biex jispiċċa l-ħajja tiegħu fuq is-salib... Kullimkien xita ta' dħaħen, ta' nirien li qegħdin jheżżu dawk l-affarijiet li ħalaq il-Mulej.'

F'kuntatt ieħor li kelli mal-Madonna nhar il-Ħadd 3 ta' Frar għal ħabta tad-9.00am, hija qaltli bid-dmugħ f'għajnejha, li għandu jkollna rispett kbir lejn Ġesù ta' l-Ewkaristija, lejn dik il-ġawhra ħajja li l-Mulej Alla niżżlilna mis-sema. Għandna nġibu rispett lejn kollox u kulħadd iżda b'mod speċjali rridu noqogħdu attenti li ma noffendux lil Ġesù fl-Ewkaristija għax jien sirt naf mill-Madonna li anka fl-Iraq hemm tabernakli b'Ġesù ta' l-Ewkaristija.

Għal ħabta tad-9.00pm kelli kuntatt ieħor. Bħalma għidtlek fl-ittra tat-8 ta' Jannar il-Madonna qatt ma riditha din il-gwerra. Iżda issa li l-gwerra bdiet u qegħdin fl-aqwa diżastri tagħha. Sirt naf li jekk dawk li ser jifdal fid-dinja ma jirrikorrux bl-indiema lejn Alla, jista' jkun li Alla jużа l-Id setgħana tiegħu u jkollna xi ħaġa akbar ħafna mill-gwerra. Il-Madonna trid li d-dinja kollha tikkonverti, tindem u tersaq lejn Alla.Għażiż hija fi Kristu, bid-dmugħ f'għajnejja bħal dawk tal-Madonna u b'qalbi mfarrka għal dak kollu li qed jiġri fid-dinja tagħna, nitlob biex kulħadd irattab qalbu u dan il-kalvarju li għaddejja minnu d-dinja bħalissa, ifittex jingħata l-ġenb u jkollna l-paċi ta' malajr, sabiex ma jkomplux isiru dawn l-imwiet bl-addoċċ.

Il-Madonna jisgħobiha ħafna għal dak kollu li qiegħed jiġri, dawn l-eluf



ta' nies li qegħdin jidhru quddiem Alla u li ħafna minnhom qegħdin jintilfu fl-infern. It-tfal telgħu bħal ġilju abjad fil-ġenna, imma xi oħrajn niżlu fin-niżla ta' l-eternità li ma tispiċċa qatt, fl-infern. Il-Madonna ma trid li ħadd jintilef. Kull fejn dehret dejjem qalet biex nitolbu għall-midneb u għall-ħati sabiex fil-pont tal-mewt ma jmurx l-infern ibati għal kemm hi twila l-eternità.

F'dawn it-tliet ġimgħat ta' gwerra mietu ħafna nies; mal-ħażin jeħel it-tajjeb ukoll. Dawn l-eluf ta' nies li mietu qatt ma huma ser jerġgħu jiġu lura. Naħdmu għall-paċi u ma nżidux dan il-flaġell. Dawn il-bombi li kulħadd qed jitfa' neżlin fuq bnedmin bħalna, li huma tad-demm u l-laħam bħalna, li għandhom ruħ bħalma għandna aħna u li qalbhom tħoss bħal tagħna. Hemm ħafna anzjani u tfal li qegħdin jibku. Hemm ħafna tfal imwerwrin jisimgħu it-tfaqqigħ tal-bombi, ħafna ma jafux fejn hi ommhom u fejn hu missierhom, ħafna tfal diġa huma orfni; ħafna nisa mitulhom żwieġhom u ħafna rġiel huma romol.

M'għandniex inkomplu nfarrku d-dinja u l-elementi li ħalaq Alla. Il-Madonna wrietni l-baħar iswed, miżbugħ b'dawk iż-żjut. Anka l-annimali li ma jaħtu xejn qegħdin jinqerdu. Dawn l-annimali qatt u qatt ma offendewh lill-Mulej. Ta' min jitħassarhom dawn l-annimali li qegħdin ibatu b'din il-qirda tal-gwerra, ħtija tad-dnubiet li għamel il-bniedem. Qegħdin jinqerdu ħafna mill-affarijiet sbieħ li ħalaq il-Mulej fid-dinja...

Jiena nixtieq ħafna illi fil-qalb u fil-kuxjenza tiegħek tibda tħoss li hemm il-bżonn li titwaqqaf din l-infami ta' gwerra, sabiex dan il-kalvarju nibdew intaffuh xi ftit. Għandna nċedu għar-rieda t'Alla u għal dak li trid il-Madonna.

Bl-umiltà tiegħi kollha ngħidlek ħafna biex kemm jista' jkun, mill-aktar fis ikollna l-paċi. Jalla l-Madonna tgħinek u dan li qed twassallek il-Madonna permezz ta' dan l-ilsien fqir tiegħi tifhmu, sabiex ikollna l-paċi fid-dinja...

Minn qiegħ qalbi ngħidlek, maħbub hija, li jiena ħa nitlob ħafna għalik u għall-kapijiet l-oħra kollha tal-ġnus li flimkien tirrappreżentaw lid-dinja, biex lid-dinja tirrappreżentawha b'qalbkom nadifa, b'qalbkom safja. Inħarsu ħarsa lejn is-sema biex Alla jagħtina l-maħfra ta' dnubietna u li aħna jisgħobina għal dawn id-dnubiet li qegħdin nikkommettu ta' sikwit.

Niftakru illi kulħadd irid iduq il-ġustizzja t'Alla. Bħal dawn in-nies li qegħdin imutu f'din il-gwerra, aħna wkoll irridu nidhru quddiem il-Mulej sabiex nagħtu kont ta' għemilna. Dak li hu ħażin għall-proxxmu tagħna jkun mequjus ħażin fuqna u dak li jkun tajjeb għall-proxxmu tagħna, ikun tajjeb għalina. Bl-istess miżien li niżnu lil ħaddieħor inkunu miżunin aħna.

Il-Papa, is-Suċċessur ta' San Pietru qed jaħdem ħafna għall-paċi u f'Malta, kulmin hu ta' rieda tajba qiegħed jitlob lil Alla sabiex ikollna din

il-paċi... Jalla l-Mulej ifittex ineħħi l-ħażen kollu mid-dinja, jġibilna l-paċi dejjiema u ma jkollniex gwerer oħra fil-futur. Il-gwerra qatt ma kienet fjuri quddiem il-Mulej, imma mezz ta' vendikazzjoni, mezz ta' qirda, mezz ta' rovina, tixrid ta' dmija, diżastri u affarijiet li jmorru kontra r-rieda t'Alla.... Jalla kull bniedem jistma' lill-bnedmin l-oħra ta' vera bnedmin, għax kull bniedem huwa xbieha t'Alla, kull bniedem għandu ruħ sabiex meta mmutu mmorru ngawduh għall-dejjem ta' dejjem fis-sema.

Inwegħdek it-talb tiegħi u nispera li din l-ittra li qed nibgħatlek skond ix-xewqa tal-Madonna stess tkun ta' ġid mhux biss għalik imma għad-dinja kollha. Minkejja t-tbatija li nsofri jiena dejjem nobdiha lill-Madonna f'dak li hija titlob minni... Oħtok fi Kristu, Ġuża Mifsud."

Tajjeb jingħad li għalkemm din l-ittra kienet tirreferi għall-gwerra tal-Golf, iżda Ġuża kienet tikkundanna kull ġwerra oħra u kull forma ta' vjolenza li kien hawn fid-dinja. Kif qalet f'din l-ittra "kull bniedem għandu jistma' lill-bnedmin l-oħra ta' vera bnedmin, għax kull bniedem huwa xbieha t'Alla". Għalhekk, għalkemm Ġuża m'għadhiex magħna, iżda l-messaġġi li ħallitilna għadhom japplikaw ukoll fil-ġurnata tal-lum fejn sfortunatament nisimgħu b'kull forma ta' vjolenza. Kieku kienet għadha ħajja żgur li kien ikun hemm oħrajn lil min tibgħat ittra b'messaġġ ta' paċi u b'kundanna għall-vjolenza. Min-naħa tagħna ma għandniex nibqgħu passivi, għandna nagħtu s-sehem tagħna, noffru t-tbatijiet tagħna, il-mard tagħna sabiex il-paċi tant mixtieqa issaltan fuq kullħadd u lkoll ngħixu ta' vera aħwa fi Kristu. Mulej ikollok ħniena mid-dinja u agħtina l-paċi!

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek. Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u fil-waqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.

*Glorja lill-Missier...*



# GRAZZJI MAQLUGĦA

**A. Tonna miż-Żurrieq kitbet:** Kellna bżonn naqilgħu grazzja speċjali. Kif ġie f'idejna l-fuljett Leħen il-Girgenti ta' Lulju, f'paġna 6 sibna talba u bdejna ngħiduha. Il-grazzja qlajnieha malajr. Tlabna lill-Madonna, lil Ġuża, lil Dun Ġorġ, lil San Piju u r-ruħ ta' Mons. Amante. Grazzi Mulej, grazzi Marija.

**M. Vassallo mir-Rabat kitbitilna hekk:** Jien nixtieq nirringrazzja lill-Mulej tal-grazzja li qlajt mingħand il-Madonna tal-Girgenti u bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud. Jiena mara anzjana, noqgħod waħdi. Is-sena l-oħra, fl-10 ta' Lulju 2003, irranġaw id-dar il-ġirien tiegħi u tgħidx kemm bżajt għax ħsibtu s-saqaf sa jaqa' fuqi bl-istorbju li bdew jagħmlu l-ħaddiema.

Ġurnata waħda filgħaxija għamlet ħafna xita, u kif dħalt fil-kamra ta' l-ikel bdejt nara ħafna ilma nieżel mal-ħajt kollu. Mhux iċarċar mal-ħajt kien iżda qisħom qegħdin iwaddbu bil-barmil. Jien iġġennint għax nofs il-kamra kienet mimlija bl-ilma. Ħarist fuq il-mejda u lmaħt il-fuljett ta' Ġuża. Qbadtu f'idi u għidtilha, "Ġuża, itlob lill-Madonna tal-Girgenti ħalli twaqqafli dan l-ilma minnufih." Bdejt inħares lejn is-saqaf u ħaġa ta' l-għaġeb l-ilma beda bħal jirrombla 'l fuq u sparixxa. Ħarist fil-bitħa u x-xita kienet għadha nieżla ħafna. Jien mort inġib il-barmil biex nixxotta l-ilma li kien hemm fl-art u kif imlejt nofs il-barmil, ħarist lejn il-Madonna li għandi fil-kamra tiegħi u għidtilha, "Madonna għinni. Peress li għandi l-artrite ma nistax inbaxxi irkobbtejja ma' l-art."

Ħaġa ta' l-għaġeb biex il-Madonna turini li qegħda tagħmel miraklu miegħi, ħarist lejn il-vetrina u nara qisha sħaba żgħira daqs ċenteżmu miexja minn taħt il-vetrina u minn fejn bdiet għaddejja l-ilma beda jinxef kollu. Ħarist lejn l-art u bqajt skantata bil-biċċa ta' l-art f'idi. Lanqas qattra ilma ma kien baqa' fl-art.

Ta' dan il-"miraklu", jiena nirringrazzja minn qalbi lill-Mulej, lill-Madonna tal-Girgenti u lil Ġuża Mifsud. Grazzi Mulej.

**C. Debattista minn Birzebbugia kitbet hekk:** Jiena nirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.
Hija kellu bżonn operazzjoni li kienet ftit kumplikata peress li dam ma tkellem x'kien qiegħed iħoss. L-operazzjoni saret, pero' qabel bagħtuh id-dar, it-tobba qalulu li wara xahar kellu jerġa jidħol l-isptar u x'aktarx ikollu bżonn operazzjoni oħra.

Aħna nkwetajna ħafna u tlabna bil-qalb lill-Madonna biex l-operazzjoni ma

ssirx. Il-grazzja qlajnieha għaliex għall-grazzja tal-Mulej hija jinsab tajjeb. Filfatt kemm hu kif ukoll membri tal-familja telgħu il-Girgenti jirringrazzjaw lill-Madonna għal dak kollu li għamlet magħhom. Grazzi Sultana u Omm tagħna.

**G. Grima minn Ħal Qormi kitbet hekk:** Kont għadni kemm għamilt żjara l-Girgenti fejn għidna r-rużarju u xi talb ieħor. Xi jumejn wara kelli bżonn immur ma qariba tiegħi l-isptar. Morna l-emerġenza u wara li għamlulha xi testijiet, it-tabiba għajtitli waħdi u qaltli li ser ikoħlhom jaqtgħulha saqajha peress li kien jidher li kellha l-għadma diġa mikula.

Dak il-ħin ġietni f'moħħi Ġuża Mifsud u l-Girgenti u f'qalbi bdejt nitlob u wegħedt li jekk ma jaqtgħulhiex saqajha, jiena nippubblika din l-ittra. Wara xi jiem iddeċidew li jaqtgħulha sebgħa wieħed biss minn saqajha u hekk xorta baqgħet tista' timxi.

Jiena nixtieq nirringrazzja lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u lil Ġuża Mifsud li bl-interċessjoni tagħhom qlajna din il-grazzja. Grazzi Madonna u nwegħdek li nerġa' nżur il-Ġirgenti biex nirringrazzjak personalment.

**Rita Spiteri minn Raħal Ġdid kitbet hekk:** Jiena qlajt grazzja kbira mingħand il-Madonna tal-Konsagrazzjoni u bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud.

Fit-22 ta' Diċembru 2002, ir-raġel ħassu ħażin u mar l-isptar. Sabulu l-pulmun minfuħ u mimli bl-ilma. It-tabib qallu biex ma jpejjipx iżjed għax jibda jkollu ħafna attakki wara xulxin. Kienet sfida iebsa biex jaqtagħhom u kulħadd qalli li miraklu jrid ikun biex jaqta' s-sigaretti għax kien ilu 60 sena jpejjep.

Wara li ħareġ mill-isptar għamel ftit ġranet ma jpejjipx iżda reġa' beda jpejjep sakemm fl-24 ta' Diċembru 2003 reġa' tah ħas ħażin akbar u reġa' daħal l-isptar. Nifsu kien maqtugħ għal kollox u ma setax jieħu nifs. Jien dort lejn il-Madonna tal-Konsagrazzjoni u lejn Ġuża.

Lil Ġuża għidtilha, "Inti tafu lil Indri' għax dejjem kien ikun miegħek. Itlob lis-Sinjura tal-Ħajja għalih ħalli jerġa' jiġi d-dar u biex ma jpejjipx aktar." Jien kont nieħu l-ilma tal-Madonna u bdejt nagħmillu salib fuq sidru waqt li ngħid tliet Ave Marijiet fuq ir-ritratt tiegħu sakemm dam l-isptar.

Issa jien ħallejt ħafna żmien jgħaddi biex nara kif se jibqa' u minn dakinhar 'l hawn is-sigaretti qatt ma semmiehom aktar. Jien ħassejt li din kienet grazzja kbira u ta' dan nirringrazzja lil Alla, lill-Madonna u lil Ġuża għax semgħu it-talb tiegħi.

**Mary mill-Ħamrun qaltilna illi** f'Jannar qalulha li kellha z-zokkor. Talbet lill-Madonna u lil Ġuża u meta riċenti marret għat-testijiet qalulha li m'hijiex dijabetika. Grazzi lil Alla, lill-Madonna u lil Ġuża.



**N.N. mill-Munxar, Għawdex kitbet hekk:** Nixtieq nirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti għall-grazzja li qalgħetli. Tmin snin ilu kont għamilt operazzjoni għax kelli ċesta *fl-ovaries*. Kollox mexa sewwa sakemm din is-sena reġgħet tfaċċat oħra n-naħa l-oħra. Kont beżgħana ħafna peress li l-professur qalli li probabbli kienet bħal l-oħra. (L-oħra kont ħadt il-*Chimo* għaliha).

Iddeċidejt li din id-darba ma' l-*ovaries* inneħħi l-utru sabiex innaqqas l-inkwiet għal quddiem. Għamilt operazzjoni oħra f'Awissu u nirringrazzja lil Alla, lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud għax ma sabli xejn bħal l-oħra. Wara l-operazzjoni mill-ewwel qalli li ma kienx hemm inkwiet u l-ġimgħa l-oħra mort għar-riżultat. Qalli li r-riżultat kien tajjeb u li kelli biss fibroma. Grazzi.

**R. Scicluna minn Ħal-Qormi kitbet din l-esperjenza li tgħid li kellha mill-Madonna:** Jiena tlajt il-Girgenti u ersaqt lejn il-Madonna. Dak il-ħin tlabtha għal oħti M'Ann li kienet mietet b'kanċer fl-eta' ta' 36 sena. Tlabt lill-Madonna iżżommha ħdejha ħalli ma tbatix iżjed. Jiena tlabtha ħafna bil-qalb u tant bdejt nibki li resqet fuqi C. Garcia u staqsietni x'ġara. Meta għidtilha, hija qalti biex ma noqgħodx nibki u qaltli wkoll li fuq is-santa tal-Madonna hija tara lil ommha u lil missierha. Jiena wkoll xtaqt nara lil oħti. Morna fil-kamra u qbadt santa tal-Madonna, bdejt nara ħafna nies fuq is-santa imma ma kontx nafhom.

Wara ftit, imlejt żewġ flixken ilma u morna lejn id-dar. Filgħodu mort għax-xogħol u ħadt il-flixken ta' l-ilma miegħi u tajt wieħed lill-imgħallem. Meta poġġejt bilqegħda ħarist lejn is-santa ta' fuq il-flixkun. F'daqqa waħda, mill-ġenb tal-mant tal-Madonna rajt ħierġa bħal ombra u wara l-ombra rajt lil oħti.

Meta rajt dan kollu qomt minn posti u mort nistaqsi lill-sħabi x'kienu qegħdin jaraw fuq is-santa mingħajr ma għidtilhom x'kont rajt jiena. Huma lil oħti kienu jafuha u mill-ewwel qaluli li kienu qegħdin jaraw lil M'Anna. Jiena aktar ikkonfermajt dak li wrietni l-Madonna tal-Konsagrazzjoni.

*Din l-esperjenza apparti li hija ffirmata minn R. Scicluna, hija ffirmata wkoll minn għoxrin persuna oħra li lkoll niżżlu n-numru tal-Karta ta' l-identita' tagħhom.*

** Minħabba nuqqas ta' spazju, uħud mill-grazzji li rċivejna ser jidhru f'ħarġa oħra.